MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2013

Numru. 582/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**

**VS**

**GIANLUCA SERRA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gianluca Serra, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 63711A.

**Akkuzat talli:**

Nhar is-17 ta` Marzu, 2013, ghal habta tat-tlieta ta` wara nofsinhar (03:00pm) gewwa Triq il-Barklori, Kalkara,

ittanta jisraq diesel minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAZ-195, ghad-detriment ta` Anthony Cassar u'jew persuni ohra, liema reat huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa izda liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta ghas-sigurta` ta` dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li tohrog ordni ta` protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta` htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 383, 384, 385 u 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li semghet il-provi prodotta u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------